MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Numru 818/2007

**PSS Holdings Limited (C 36359)**

**vs**

**Sergio Borg (ID 162072M) u**
**martu Michelle Borg (ID 16371M) 'in solidum'**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Lulju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500) liema somma flus giet mislufa brevi manu lill-intimati mis-

socjeta' rikorrenti ghall-uzu u l-bzonnijiet personali taghhom;
Illi l-ammont ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500) gie versat lill-intimati permezz ta' ta' zewg cheques separati, u cioe' cheque tal-Bank of Valletta bin-numru 240 fl-ammont ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM 5,500) datat 6 ta' Ottubru 2006 (kopja annessa bhala 'Dok. JCFl '), u permezz ta' cheque iehor tal-Bank of Valletta bin-numru 277 fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltin (LM 15,000) datat 15 ta' Dicembru 2006 (kopja annessa bhala 'Dok. JCF2');

Illi l-intimati pprometTew illi l-ammont ta’ ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (LM20,500) misluf lilhom mis-socjeta’ rikorrenti kellu jithallas lura lill-istess socjeta’ rikorrenti sa mhux aktar tard mill-ahhar ta’ Frar 2007;

Illi minkejja Ii l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex sa l-ahhar ta’ Frar 2007 ihallsu s-somma ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (LM20,500) minnhom dovuti, huma baqghu inadempjenti;

Illi di fatti, fi Frar 2007 l-intimati ghaddew George Portelli, id-Direttur u
azzjonista magoritarju tas-socjeta' rikorrenti, zewg cheques a favur tas-socjeta' rikorrenti Ii flimkien kienu jammontaw ghas-somma dovuta ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500) liema cheques ma setghux jigu onorati;

Illi sussegwentement, l-intimati irrimpjazzaw dawn l-ahhar zewg cheques fuq imsemmija, permezz ta' cheque tal-Bank of Valletta, bin-numru 47 (kopja annessa bhala 'Dok. JCF3') datat 2 ta' Lulju 2007, mahrug mill-istess intimati f’isem George Portelli, id-Direttur u azzjonista magoritarju tas-socjeta' rikorrenti, liema cheque ma giex onorat mill-istess Bank, u s-socjeta' rikorrenti baqghet ma thallsitx;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante Ii

dan il-kreditu ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi arnmont;

Illi l-intimati jafu b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.
Talbet lill-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna :

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et sequentia tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Tiddikjara lill-intimati veri, certi u likwidi debituri versu s-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500);
3. Tikkundanna lill-intimati sabiex minnufih ihallsu s-somma ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500) lis-socjeta' rikorrenti;

Bl-ispejjez, kif ukoll bl-imghax legali mill-1 ta’ Marzu 2007, kollox kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Awissu, 2007 li permezz tieghu iddikjarat illi l-kawza ma setghetx tinstema bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u pprefiggiet lill-konvenuti t-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata biex jipprezentaw ir-risposta taghhom;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Rat l-affidavit ta’ George Portelli.

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Tonio Cachia ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' April, 2008 jikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici sa dakinhar baqghet ma thallset xejn minghand il-konvenuti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa t-tieni u t-tielet talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm 20,500), ekwivalenti ghal sebgha u erbghin elf seba mija u tnejn u hamsin Euro u hmistax euro centezmi (€47,752.15) dovuta kif inghad; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------